# Il-Ħadd 15.05.2016

1. Illum 15/05, **Għid il-Ħamsin – Pentekoste**:
   - Fit-8:15am - Quddiesa bil-Parteċipazzjoni u l-Preżentazzjoni ta' dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof f'Ottubru li ġej.

2. It-Tnejn 16/05:
   - Fil-5:00pm - Laqgħa tal-Kappillan mat-tfal (Subien u Bniet) li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina, fil-Museum tas-Subien.

3. It-Tlieta 17/05:
   - Fid-9:30am - Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.
     Kulħadd mistieden.
   - Fis-7:15pm - Jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ħamis 19/05:
   - Fil-5:00pm ikollna r-Rehearsal u l-aħħar preparamenti għall-Ewwel Tqarbina.
   - Fis-6:30pm ser issir Laqgħa Ekumenika ta' Talb għall-Għaqda fost l-insara
     fil-Knisja ta' Santu Rokku, Triq Sant' Ursola, il-Belt Valletta.

5. Il-Ġimgħa 20/05:
   - Fil-5:00pm ikollna l-Qrar għat-Tfal li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fil-Knisja.

6. Is-Sibt 21/05:
   - Mill-5:00pm sas-6:00pm ikollna l-Qrar għall-Ġenituri.

7. Il-Ħadd 22/05, **it-Trinità** ***u Jum l-Ewwel Tqarbina***:
   - Fid-8:45am it-tfal jinġabru l-MUSEUM tas-Subien fejn jitteħdulhom xi ritratti u mbagħad jimxu purċissjoni lejn il-knisja.
   - Fl-10:00am tibda l-Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina.

8. Avviżi oħra:
   - Tajjeb li nagħtu aktar importanza lill-ħin tal-Adorazzjoni,
     kemm hawn fil-knisja u kemm fil-kappella ta' Santa Marija:
     - Filgħodu mit-8:00am sa' 12:00pm, u
     - Filgħaxija mit-3:00pm sas-6:00pm.
   - Ta' min jinnota li dan l-aħħar bħala manutenzjoni:
     - Inbidlu l-bozoz tal-brazzi tal-knisja fejn inqalbu għal LED
       u hekk niffrankaw ukoll ftit mill-konsum tal-elettriku;
     - Ġie rranġat kanipew aħmar rikk u nxtara drapp simili ħafna
       biex isir ventartal pariġġu li qed jiżżanżnu llum għall-festa ta' Pentekoste.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 1,810 bħala donazzjonijiet mit-Tberik fil-Familji.
   - € 110 bħala donazzjonijiet għar-restawr tan-niċċa u l-bankun ta' San Pawl.

   Grazzi mill-qalb.